**A.L. 92 ta' l-1991**

## ATT DWAR IL-LOTTERIJI TAL-GVERN (KAP. 292)

### Regolamenti ta' l-1991 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Lotteriji tal-Gvern

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Lotteriji tal-Gvern, il-Ministru tal-Finanzi għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1991 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Lotteriji tal-Gvern, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1981 dwar il-Lotteriji tal-Gvern, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 66 ta' l-1981.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-14 ta' Ġunju, 1991.

Temenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Fil-paragrafu (2) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:—

"Iżda wkoll l-aħħar tlugħ tal-Lotterija tal-Ġimgħa għandu jsir fil-21 ta' Ġunju, 1991 u l-proċedura tat-tlugħ għandha tkun dik li tinsab fir-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti, u mhux skond ir-regolamenti 3A u 3B ta' dawn ir-regolamenti, u b'referenza għal dan it-tlugħ partikolari għandhom jipparteċipaw biss dawk il-biljetti mibjugħin b'mod tali li l-Fond tal-Premjijiet għandu jiġi eżawrit.".